


# Valentin V. Barbara (1920-2005)

Can. Jesmond Manicaro

## Introduzzjoni

Ħasra li t-tifkira ta' nies li taw sehemhom, b'xi mod jew ieħor fl-istorja ta' art twelidhom, tispiċċa minsija. Dun Karm, il-poeta nazzjonali, f'sunett sabiħ lil *Dun Mikiel Xerri* jiddispjaċih li fi żmienu ma kien hawn l-ebda monument li jagħti ġieħ lil dan il-persunaġġ li ħalla marka fuq l-istorja ta' pajjiżna.

Kont għadni, nista' ngħid, ċkejken tarbija
meta ktieb-il ġrajjiet ħabbibni miegħek,
għax fik għaġġbitni l-ħila barranija,
u l-kelma sħiħa bħall-għeruq ta' driegħek.

Iżda kif ġejt fuq l-għatba tar-rġulija
u xtaqt inbus lil dak li qatt ma tmiegħek,
u fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art Maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek,

jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
miegħek din l-art li int ħabbejt fis-sewwa,
bi mħabba safja u bla nuqqas sabiħa;

għax tajfitna b'għamilek sfat mirquma,
u għall-qawwa li wrejt quddiem l-għedewwa
kieku jitkabbru bik Atene u Ruma.


Is-Sur Valentin V. Barbara

Xi sena ilu ġie Malta ħabib tal-Bormliż Valentin Barbara u xtaq jara fejn twieled u baqa' mistagħġeb kif lil kull min staqsa ħadd ma kien jaf min kien u fejn kien joqgħod. Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq infakkar il-memorja ta' Bormliż li minbarra l-imħabba tiegħu għall-Belt twelidu ta kontribut kbir fil-qasam tal-lingwa Maltija, u fuq kollox fil-kamp tal-liturġija bil-Malti. Kieku ma kienx hu (flimkien ma' grupp żgħir ta' saċerdoti) naħseb li domna snin twal inqaddsu u niċċelebraw is-sagramenti bil-Latin. Bis-saħħa tiegħu u ta' sħabu fi ftit xhur l-ilsien Malti daħal fil-knejjes tagħna.

## Min kien Valentin Barbara?

Valentin (Ġużeppi) Barbara twieled ġewwa Bormla, f'5 Vicolo Scozzese jew kif

kienet aktar magħrufa dak iż-żmien it-Triq ta' Żbibi nhar it-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa, id-29 ta' Marzu 1920 fid-9.00 ta' filgħodu. Kien it-tieni wild ta' Grezzju Barbara u Kitty Micallef. Qablu kellhom tifla, Karmena li mietet ta' ħdax-il xahar f'Novembru tal-1919. Warajh ġew tlett itfal oħra, Karmena, Ċettina u Leli.

Grezzju u Kitty ippruvaw jagħtu trobbija tajba lil uliedhom. Għalkemm huma ma kellhomx edukazzjoni skolastika partikulari, fehmu sewwa l-importanza tagħha u riedu jagħtuha lil uliedhom. Valentin jiftakar li ta' tliet snin daħħluh fl-iskola taż-żgħar tas-sorijiet Franġiskani wara l-knisja arċipretali. Sentejn wara beda l-primarja fl-iskola tal-gvern ta' Bormla.

## Il-ħajja sempliċi tal-familja Barbara

Valentin fl-awtobijografija tiegħu jirrakkonta: "Missieri kellu diversi delizzji: kien bandist idoqq il-flawt mal-banda San Ġorġ; irabbi l-ħamiem u l-kanarini; fuq il-bejt kellu għadd ġmielu ta' qsari bi xtieli tal-fjuri; kien iħobb is-sajd. Jien iddakkart minnhom f'kollox. Konna krejna mezzanin f'Wied il-Għajn, u fih konna nqattgħu t-tliet xhur tas-sajf. In-nannu Lel, mastrudaxxa tajjeb, bena fregatina lil missieri li kien jeħodni nistad miegħu."

Ma setgħetx tonqos il-preżenza ta' Alla f'din il-familja. Valentin f'din is-silta mill-poeżija *Talba ta' Omm* jagħtina ħjiel tat-trobbija nisranija li hu u ħutu rċevew mingħand il-ġenituri Grezzju u Kitty.

Madonna ħelwa, niżżik ħajr li f'qalbi
sa minn ċkuniti, f'ħoġor ommi t-twajba,
nissiltli lejk imħabba kbira, kbira.
Lejk, sbejħa fost is-sbieħ, ġilju bajdani,
kemm kont intir bil-ferħ kull meta x-xwejħa
li tatni ismek kienet dlonk twissini
biex bħalek inkun safi f'ruħi u f'ġismi.
Drabi kienet teħodni ħdejn ix-xbieha
li tatni bħal tifkira mbierka tagħha,
w hemmhekk tgħidli xi ġrajja ċkejkna fuqek
li hi tkun semgħet mill-qassis fil-prietka.
Ħelwa daqs l-għasel minn xofftejha l-kelma
kienet tinżel ġo qalbi xħin turini
lil Alla tfajjel, b'martell ċkejken f'idu,
milwi fuq l-art, jaħdem salib ċkejkuni,
filwaqt li inti u żewġek, bl-għodda f'idkom,
tieqfu għal ftit mill-ħidma lieżma tagħkom,
u tħarsu lejh mistagħġba, b'dell ta'niket
f'għajnejkom.

## Ħjiel ta' vokazzjoni għal Dumnikan u l-iskola sekondarja

Valentin kien għadu fil-klassijiet primarji meta ħass ġibda għall-Ordni Dumnikan. Aktar minn ħaġa oħra kienu jimpressjonawh żewġt aħwa Dumnikani, Patri Franġisk u Patri Dumink Borg li kienu jgħaddu minn quddiem id-dar tal-familja Barbara meta jiġu

jaraw lil ħuthom. Valentin jistqarr li: "Il-Kappa sewda tagħhom tperper mar-riħ ħajritni. Imma l-ħolma ta' missieri kienet li jarani kanonku fil-kolleġġjata ta' Bormla."

Valentin beda l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo tal-Belt. Fost l-istudenti li kien hemm miegħu, u li wara kellu jaħdem fil-qrib magħhom, insibu lill-Arċisqof Emmanuel Gerada u lill-Monsinjur Karm Sant, professur tal-Iskrittura. Fl-awtobijografija Valentin jiddeskrivi l-ħajja studenteska hekk:

"Kont moħħi tajjeb u memorja tajba; ma kontx brillanti, imma m'għandix xi ngerger. Ma kinitx l-ewwel darba li fl-eżamijiet ġejt l-ewwel fil-klassi." Imbagħad jgħid xi ħaġa dwar ir-rikreazzjoni:

"Dawk minna li kienu jiġu mill-irħula u l-ibliet barra mill-Belt konna nieħdu l-ikel magħna għal nofsinhar. F'nofsinhar ħafna minna kważi dejjem konna mmorru l-Barrakka t'isfel. Ġieli konna nieħdu mixja fuq id-driegħ tal-breakwater in-naħa ta' Sant'Iermu, sa ma darba kien baħar imqalleb ħafna jaqbeż min-naħa għall-oħra tal-breakwater u kaxkar miegħu wieħed minn sħabna tal-klassi. Kien mill-Isla, tifel ħelu tiekol minnu, ċajtier u fuq ruħu u dejjem bit-tbissima fuq fommu, ħabib ta' kulħadd. Ġismu ma nstabx. Ma bqajniex immorru hemm."

## Il-ħajja tal-kunvent

F'Ottubru 1936 Valentin beda n-novizzjat mad-Dumnikani fil-kunvent tar-Rabat. Dak iż-żmien kien għad hemm l-użanza li n-novizzi jibdlu l-isem. Lil Ġużeppi, għax dan hu l-isem li ngħata fil-magħmudija bdew isejħulu Valentin Vinċenz. Matul is-sena tan-novizzjat, Patri Ġjaċint Darmanin beda jagħti lil Valentin xi lezzjonijiet tal-armonju, u tant tħarreġ sewwa, li ma damx ma beda jdoqq l-armonju waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-kunvent. Mat-tmiem tan-novizzjat, jiġifieri f'Ottubru 1937 għamel il-professjoni sempliċi u beda l-kors tal-Filosofija. F'dan iż-żmien kien għal qalbu ħafna l-istudju tal-Grieg u l-Ebrajk. Dawn il-lingwi li bihom huma miktuba l-Kotba Mqaddsa aktar tard għenuh biex taħt it-tmexxija ta' Dun Karm Sant ikun membru ta' tim li qalbu l-Bibbja għall-Malti. F'dan iż-żmien tal-istudentat għamel ukoll sena jistudja l-Għarbi taħt Patri Serafin Zarb; irnexxielu jitgħallem jaqrah u jiktbu sewwa.

F'Ottubru tal-1941 Valentin għamel il-professjoni solenni u f'Diċembru tal-istess sena beda aktar mill-qrib il-mixja lejn is-saċerdozju bl-ordinazzjoni għas-suddjakonat. Imbagħad f'Ġunju 1942 ordna djaknu, u sitt xhur wara, is-Sibt 19 ta' Diċembru 1942, ġie ordnat presbiteru minn Monsinjur Isqof Emmanuel Galea fil-Katidral tal-Imdina. Kien għad kellu biss 22 sena u 9 xhur. L-ewwel Quddiesa Solenni għamilha l-Ħadd 27 ta' Diċembru.

## L-imħabba għal-lingwa Maltija

Meta Valentin kien għadu student, it-tagħlim tal-Malti kien għadu ma daħalx fl-iskejjel, u meta jitkellem dwar ħajtu jistqarr li ma jiftakarx x'kien li ħajru eżatt biex jibda jikteb bil-Malti. Jammetti, iżda, li nfluwenzawh ħafna l-poeżiji ta' Dun Karm, u ta' Karmenu Vassallo, Ġużè Chetcuti u Ġorġ Pisani. Ladarba beda jħoss din l-ispirazzjoni beda jistudja l-grammatika Maltija waħdu u jħarbex xi poeżija. L-ewwel waħda kitibha f'Jannar 1943 u semmieha *Lil Dun Karm*. Fl-awtobijografija tiegħu Valentin jistqarr li min jaf kemm il-darba kien jinżel tas-Sliema biex juri x-xogħol tiegħu lil Dun Karm li qatt ma qatagħlu qalbu. F'April 1944 il-Kunsill tal-Għaqda Kittieba tal-Malti ħatru bħala membru akkademiku.

Bosta huma l-poeżiji li ħarġu mill-pinna ta' Valentin, u għadd kbir minnhom huma ddedikati lill-Madonna. Nhar it-8 ta' Diċembru 1943 il-gżejjer Maltin ġew ikkonsagrati lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Biex ifakkar din il-ġrajja kiteb poeżija li tinseġ ir-rabta ta' Malta ma' Marija: isemmi l-postijiet ta' devozzjoni bikrija Marjana, il-Madonna attribwita lil San Luqa fil-Katidral tal-Imdina u dik tas-Santwarju tal-Mellieħa; imbagħad jiffoka fuq l-interċessjoni ta' Marija fi żminijiet diffiċli, b'mod partikulari fil-grajjiet tal-Assedju l-Kbir, tal-konvoj ta' Santa Marija u tal-irtirar tal-Italja fit-Tieni Gwerra Dinjija.

## It-8 ta' Diċembru 1943

Int taf, Marija li minn dejjem qalbna
tkebbset għalik bi mħabba safja u kbira;
jixhduh iż-żminijiet li din l-art ħelwa
biex tqimek, tfaħħrek, qatt ma kienet fqira.

F'ġieħ ismek, Safja, fuq id-dar ta' Publju
missirijietna l-ewwel maqdes bnewlek;
quddiem xbihitek tal-Kittieb ta' Pawlu[1]
b'talbhom imħeġġeġ l-isbaħ ward kellewlek.

U qatt ma naqsu li jżuruk bil-ħrara
fil-ġabra u l-ħemda ġewwa l-Għar Mellieħi,
jitolbuk ħarsa ta' Omm sabiex tfarraġhom,
jew jiżżuk ħajr għat-talb tiegħek serrieħi.

Matul il-medda twila ta' snin ħorox,
fik ittamaw, fik sabu l-faraġ tagħhom;
jekk ħakma kiefra, mard, jew ġuħ u nixfa,
Int kont teħlishom, tfejjaqhom, titmagħhom.

U meta l-Mislem ħebb għalina b'qawwa
u xtaq jarana taħt għarqbejh mgħaffġin,
kien hu li tgħaffeġ taħt għarqbejk, Setgħana,
kont int li ħriġtna fuqu rebbeħin.

U meta f'dan il-ġlied ta' qirda, Malta
għafasha l-ġuħ u bkiet taħt l-hemm mifnija,
bgħatt Inti, Xbejba, f'nofs Awwissu l-faraġ,
u t-tama reġgħet dehret ferreħija.

Niftakru wkoll, kien Jum Twelidek, l-Isla
laqgħetek fi triqatha mħarbta, u f'daqqa
għajtet il-kotra ħbar ta' ferħ annuna:
biċċa mill-għadu sfat fix-xejn imwaqqgħa.

Ħabbejtna u ħabbejniek, Marija; b'xhieda
ta' din l-imħabba llum irbatna lkoll
ruħna u ġisimna mal-Qalb safja tiegħek,
rabta li qatt u ħadd ma jista' jħoll.

Issa aħna tiegħek, Omm, żommna fi ħdanek,
marbutin miegħek ngħixu ferħanin,
marbutin miegħek meta l-mewt iżżurna,
marbutin miegħek dejjem mal-Henjin.

Bħala Bormliż ma setax jonqos li jinseġ poeżija biex ifakkar il-pellegrinaġġ solenni tad-19 ta' Novembru 1944 meta l-istatwa tal-Kunċizzjoni u l-kwadru tal-kor inġiebu lura f'Bormla minn Birkirkara. F'dan is-sunett *Bormla lil Marija* nisimgħu lil Beltna tgħanni din l-għanja ta' imħabba lill-patruna tagħha:

Ejja, Marija, din il-qalb li lilek
ħatret b'Sultana tagħha ilha tistenna;
Ħallini ninsa, il-lum irrid naħbilek
kemm dmugħ ta' mrar xerridt għalik, ja Ġenna.

Il-lum, Madonna, il-lum irrid ngħannilek
l-għanja ta' mħabbti, u taħt dirgħajk mistkenna,
rasi nserraħ fuq qalbek, u ntennilek:
"Inħobbok, Omm", u f'dan il-ferħ nithenna.

Għaxqa ta' qalbi, merħba bik! Fi ħdani
qed nerġa' nilqgħek! X'hena, x'ferħ bla tmiem
li nerġa' nħaddnek, u int terġa' tilqagħni!

Ismagħha l-għanja ħierġa ferreħija
mill-qalb ta' bintek, wild l-imħabba u s-sliem,
Sultana mnissla mingħajr dnub, Marija![2]

## Il-ħidma bħala patri Dumnikan

Fl-1945 il-provinċjal bagħtu jservi fil-Kunvent tal-Birgu. Naturalment il-Kottonera kienet għadha mfarrka mill-bombi tal-għadu. Fl-awtobijografija Valentin jirrakkonta: "Il-knisja u l-kunvent tal-Lunzjata kienu ġġarrfu fil-gwerra u l-patrijiet kellhom jitilqu mill-Birgu. Meta wara xi żmien reġgħu niżlu, xi wħud mill-patrijiet marru fil-palazz tal-inkwiżitur fejn ġiet irranġata waħda mis-swali bħala kappella pubblika, u oħrajn marru f'dar privata mikrija fil-qrib. Fil-palazz batejna. Uħud minna, fosthom jien, anqas biss kamra privata ma kellna." Fl-1946 is-Superjuri bagħtuh Ruma jistudja l-mużika sagra fl-Istitut Pontifiċju tal-Mużika Sagra. Hu stess jammetti li peress ma kellux formazzjoni mużikali soda, dan il-kors kien xi ftit iebes għalih. Minkejja kollox irnexxielu jikseb baċellerat fil-kant gregorjan. Lura Malta fl-1948 spiċċa mill-ġdid fil-Birgu. Fil-kunvent tal-Birgu Valentin qeda diversi uffiċċji: sagristan maġġur, prokuratur tal-festa, kronista tal-kunvent, organista. Barra minn hekk għal xi żmien kien bħal kappillan tas-Sorijiet

Franġiskani ta' Bormla; kien imur iqaddsilhom kuljum u sikwit jagħmlilhom xi taħdita fuq suġġetti spiritwali. Fl-1960 l-Arċisqof Gonzi ħatru kappillan tal-orfanatrofju ta' San Ġużepp tas-Sorijiet Dumnikani f'Ħaż-Żabbar.

Bejn Ottubru tal-1948 u Ġunju tal-1963 kien għalliem tal-Malti fil-kulleġġ ta' San Albert il-kbir.

## Valentin pijunier tal-liturġija bil-Malti

F'Diċembru tal-1963 l-isqifjiet miġbura fil-Vatikan għal dak li hu magħruf bħala l-Konċilju Vatikan II approvaw il-kostituzzjoni dwar il-Liturġija *Sacrosanctum Concilium.* Fid-djoċesijiet madwar id-dinja beda żmien sabiħ ta' tiġdid fil-ħajja liturġika tal-knisja. Fost t-tibdil il-kbir insibu l-permess biex jintużaw l-ilsna tal-post waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Għall-ewwel il-Concilium (l-organu uffiċjali tal-Vatikan li kellu f'idejh it-tiġdid liturġiku) ta permess lill-Isqfijiet Maltin biex jużaw il-Malti f'xi partijiet tal-Quddiesa, fosthom il-qari mill-bibbja. Dawn kellhom jibdew mill-ewwel Ħadd tal-Avvent tal-1964. Valentin f'dan ix-xogħol kellu sehem kbir. Kieku ma kienx hu u grupp żgħir ta' saċerdoti li ħadmu bla waqfien, kieku domna nqaddsu bil-Latin!! L-ammont kbir ta' xogħol lil Valentin ma kienx jaqtagħlu qalbu. Hu stess jikteb u jgħid: "Beda f'ħajti l-perjodu li tani l-aqwa sodisfazzjon."

Monsinjur Ġużeppi Lupi ġabar madwaru grupp żgħir ta' tradutturi li bdew jittraduċu diversi partijiet mill-Ordinarju tal-Quddiesa. Għall-qari tal-Kelma ta' Alla Lupi kien qed jaħseb li juża t-traduzzjoni tal-Professur Pietru Pawl Saydon (wara kollox din kienet l-unika verżjoni li kellna). Iżda peress li din it-traduzzjoni hi waħda klassika u ma kinitx magħmula bl-iskop li tintuża fil-liturġija – infatti fiha ħafna kliem tqil – talab lil Saydon biex jagħmel xi tibdil ċkejken fit-test għall-ġid tal-poplu ta' Alla. Saydon bl-ebda mod ma ried imiss dan il-monument letterarju. Għalhekk kellu jitwaqqaf grupp ieħor ta' tradutturi, din id-darba madwar Dun Karm Sant, biex jieħu ħsieb it-traduzzjoni tal-Kelma ta' Alla mill-ilsna oriġinali, jiġifieri l-Ebrajk u l-Grieg. Valentin kien fiż-żewġ gruppi, kemm f'dak ta' Sant kif ukoll f'ta' Lupi.

Lezzjonarji kien għad m'hemmx u għalhekk il-Kummissjoni Liturġika darba fil-ġimgħa bdiet toħroġ faxxikli għall-Quddies tal-Ħdud u l-festi kmandati, *Il-Liturgija tal-Kelma,* li fihom kien ikun hemm punti għall-omelija, u tagħrif ieħor kif ukoll il-qari tal-quddiesa. It-tradutturi tat-testi bibliċi kienu jibagħtu x-xogħol tagħhom lil Sant biex jagħtihom id-daqqa tal-imgħallem jekk ikun hemm bżonn. Mons Lupi min-naħa tiegħu kien jipprepara l-materjal l-ieħor tal-faxxikli. Valentin kien jieħu ħsieb (u dan minbarra x-xogħol ta' traduzzjoni) l-istampa tagħhom.

F'dawk l-ewwel snin ta' wara l-konċilju Mons. Lupi laqqa' diversi kummissjonijiet għal traduzzjonijiet oħra, li fihom kien dejjem idaħħal lil Valentin wkoll, sakemm minħabba l-ħafna xogħol li diġà kien għamel u biex ikun iktar fil-qrib ta' Lupi l-Arċisqof ħatru bħala membru tal-Kummissjoni Liturġika. Tul is-snin fil-Kummissjoni ittraduċa diversi testi tal-liturġija li kienu joħorġu minn żmien għal żmien mill-Vatikan. Valentin qaleb għall-Malti r-riti taż-żwieġ, tal-magħmudija tat-trabi, tal-funerali, tad-dilka tal-morda, tal-barka ta' abbati u badessa, tat-tberik taż-żjut imqaddsa nhar Ħamis ix-Xirka, tal-Griżma tal-Isqof, tal-penitenza, tal-professjoni reliġjuża, tal-konsagrazzjoni tal-verġni, tat-tlett ijiem tal-Għid, u fuq kollox il-Liturġija tas-Sigħat (il-brevjar) u

l-kumplament tal-Missal. Biss għal-Liturġija tas-Sigħat ma laħaqx lesta l-lezzjonijiet patristiċi u l-innijiet kollha.

F'dan ix-xogħol djoċesan naraw li Valentin baqa' Bormliż. Meta ġie biex jaqleb l-innu tal-Għasar għas-solennità tal-Immakulta ried juri lill-Knisja f'Malta l-imħabba ta' Belt twelidu għall-Kunċizzjoni. Għalhekk beda kull stanza b'ittra mill-kelma Bormla. Meta tara l-innu stampat u tħares lejn l-ewwel ittra ta' kull strofa taqra l-kelma Bormla.

**B**ieb tas-sema, li ġo qalbek
tiftaħ kenn għall-verġni kollha,
int, Omm Alla w dejjem Verġni,
tama tagħna w ferħ tal-ġenna.

**O** ħamiema bajda w safja,
ġilju qalb l-għolliq tal-ħajja,
bik mill-għerq ir-rimja ħarġet
għall-fejqan tal-ġerħa tagħna.

**R**eġġa' lura, torri qawwi,
ħbit il-għadu w biegħdu minna:
bid-dawl tiegħek, kewkba tiddi,
ġewwa l-port mixtieq wassalna.

**M**inn kull dell ta' qerq oħroġna,
żommna mbiegħda minn kull sikka
fost il-mewġ qalil, w iftħilna
triq is-sliem qabel nintilfu.

**L**ejk induru, int li b'riġlek
ras is-serp għaffiġt, għax waħdek
tnissilt safja w kont meħlusa
minn kull tebgħa w nifs ta' ħtija.

**A**għmel int li nsebbħu f'kollox
lill-Missier, lil Kristu Ibnek,
u 'l-Ispirtu, li bil-grazzja
hekk imlewk li ħadd m'hu bħalek. Ammen.

## Inċident ħelu

Fix-xogħol tat-traduzzjoni ma naqsux xi diffikultajiet 'l hawn u 'l hinn. Valentin isemmi wieħed partikulari li jikxef anke l-parrokjaliżmu tagħna.Fl-awtobijografija jgħid hekk: "Fl-1970 qlibt ir-riti kollha tat-Tridu Mqaddes tal-Għid. It-test Latin uffiċjali kien għadu ma wasalx, u t-traduzzjoni għamiltha minn fuq it-traduzzjoni Taljana. Inzerta li t-Taljani bi żball ħallew barra lil San Lawrenz fil-litanija tal-Qaddisin. Jien ma kontx naf li dan sar bi żball, u lil San Lawrenz ħallejtu barra jien ukoll. U jien kont Dumnikan fil-

kunvent tal-Birgu, fejn hemm żewġ partiti ħorox kontra xulxin. Kulħadd kien jaf li t-testi liturġiċi kont qed naqlibhom jien, ta' isfel akkużawni li lil San Lawrenz ħallejtu barra apposta bi spirtu partitarju, u l-Arċipriet irrapurtani lis-segretarju tal-Kongregazzjoni tal-Kult."

## Rikonoxximent

B'apprezzament għall-ħidma tiegħu, f'Ġunju tal-1974 l-Arċisqof Mikiel Gonzi iddekorah bl-insinji *Pro Ecclesia et Pontifice*. Dan il-volum kbir ta' xogħol flimkien ma' diffikultajiet fil-ħajja komunitàrja ħallew l-effett tagħhom fuq saħħet Valentin. Kien għalhekk li ddeċieda li nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 1974 iħalli Malta lejn l-Awstralja, fejn diġà kien hemm ħutu. F'Ġunju 1975 irċieva d-dispensa mill-obbligi saċerdotali. Imbagħad aktar tard, fil-5 ta' Settembru 1976 iżżewweġ lil Agnes Leong, għalliema tax-xjenza u l-matematika mill-Malasja.

## Ix-xogħol ikompli fl-Awstralja

Fl-Awstralja Valentin baqa' għaddej bix-xogħol tat-traduzzjonijiet. Kompla bl-innijiet tal-Liturġija tas-Sigħat, li ma kienx laħaq lesta Malta; ittraduċa diversi kitbiet ta' Santu Wistin u Santa Katerina ta' Siena. Ma' dawn kiteb u qaleb xogħlijiet oħra. Hu xi ftit diffiċli li wieħed isemmi kollox!! Baqa' għaddej sakemm miet fis-6 ta' Mejju 2005.

## Jien u Valentin

Lil Valentin ma nafx kif sirt nafu. Ma nafx kienx kellimni dwaru l-Kanonku Dun Gustav Barbara, li kien jiġi minnu. Biss darba, fil-bidu tas-snin 2000 bgħatli e-mail fejn introduċa lilu nnifsu u qalli li jixtieq jibqa' jgħin fil-qasam tal-liturġija bil-Malti. Minn dak inhar nibtet ħbiberija u konna nikkomunikaw ta' spiss – l-aktar bit-telefon. Kien bniedem b'qalb tad-deheb u meta titolbu l-għajnuna ssibu pront biex igħin. Kien jibgħatlek ix-xogħol lest f'ħakka ta' għajn. Xi xogħlijiet li għamel qabel ma miet għad iridu jiġu stampati fosthom ir-Rit tal-Magħmudija tal-Adulti u d-Direttorju tad-Devozzjonijiet popolari.

Nispera li permezz ta' dan l-artiklu jien u Bormla "din l-art li int ħabbejt fis-sewwa, bi mħabba safja " ħallasna d-dejn li kellna miegħek u permezz ta' din il-kitba ismek, xogħlok u tifkirietek jirċievu l-ġieħ li jistħoqqilhom.

(c) 2011

**Referenzi**

[1] Il-kittieb ta' Pawlu u San Luqa li fl-Atti tal-Appostli jiddeskrivi f'dettall il-ħidma missjunarja ta' San Pawl.

[2] Dawn il-poeżiji jinsabu fil-ktieb li Valentin Barbara stampa fl-2001 bl-isem *Poeżiji Marjani*. Fid-daħla ta' dan il-ktieb jistqarr ċar u tond: Il-Bormliżi kienu u għadhom dejjem meqjusin bhala devoti kbar tal-Immakulata. Dawn il-poeżiji nkitbu minn Bormliż f'ġieħ il-Madonna.